## DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplikaw għall-ipproċessar ta’ data personali mwettaq mill-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament, il-Parlament Ewropew għandu jipprovdi lill-persuni kkonċernati din l-informazzjoni li ġejja:

- Il-kontrollur huwa l-Parlament Ewropew

  Direttorat Ġenerali għall-Persunal
  Direttorat A - Żvilupp tar-Riżorsi Umani
  Unità tar-Reklutaġġ u t-Trasferimenti tal-Persunal
  Persuna magħżula bħala responsabbli:
  Is-Sur Pierre-Antoine BARTHELEMY
  Posta elettronika: AssistantsMEP.recruit@ep.europa.eu

- L-għan tal-ipproċessar huwa l-amministrazzjoni tar-reklutaġġ u, fejn applikabbli, is-sensja tal-assistenti parlamentari akkreditati.

- Il-kategoriji tad-data użati fil-qafas ta' dan l-ipproċessar huma:

  ✓ id-data amministrattiva li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kandidati;

  ✓ id-data neċessarja għar-reklutaġġ;

  ✓ id-data neċessarja għas-sensja, fejn applikabbli (raġunijiet u deċiżjoni).

  Għandu jiġi nnotat li d-dokumenti mitluba fil-qafas tar-reklutaġġ se jinġabru permezz tal-applikazzjoni PEOPLE u se jinżammu f’din l-applikazzjoni għall-perjodu ta' 6 xhur.

  Id-data amministrattiva se tinżamm sat-tmiem il-leġiżlatura attwali.

- Ir-riċevituri tad-data huma:

  ✓ il-Membru kkonċernat

  ✓ l-Unità tad-Drittijiet Individwali u r-Rimunerazzjoni

  ✓ l-Unità tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Finanzjarji u Kontrolli

  ✓ l-Unità tar-Relazzjonijiet mal-Persunal

  ✓ l-Unità tal-Informatika u l-Appoġġ għall-IT tad-DĠ PERS

  ✓ l-Unità tal-Assistenza Parlamentari (DĠ FINS)

  ✓ id-Direttorat għall-Prossimità u l-Assistenza, is-Sigurtà u s-Sikurezza.

Fejn applikabbli:

- ✓ is-Servizz Legali, l-Unità tal-Verifika Interna, il-Qorti tal-Awdituri, l-OLAF, l-Ombudsman Ewropew;

- Il-persuni kkonċernati jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' aċċess u ta' rettifika billi jagħmlu talba lill-kontrollur jew permezz tal-posta elettronika, jew inkella permezz tal-formola li tinsab fl-indirizz li ġej: http://www.europarl.ep.ec/services/data_protect/Autres/Formulaire_exercice_droits_EN.doc

- Il-bażi legali tal-proċedura hija t-Titolu VII tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra.

- Il-perjodi taż-żamma huma dawn li ġejjin:

  - ✓ Il-fajl ta' reklutaġġ se jinżamm sat-tmiem il-leġiżlatura wara r-reklutaġġ.

- Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jagħmlu appell lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew data-protection@europarl.europa.eu u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data edps@edps.europa.eu.